**QORTI ĊIVILI**
**(SEZZJONI FAMILJA)**

**ONOR.IMHALLEF**
**JACQUELINE PADOVANI GRIMA LL.D., LL.M. (IMLI)**

**Illum 20 ta' Gunju 2024**

**Rikors Guramentat Numru: 196/2018 JPG**
**Kawza Numru: 17**

**JP**
**Vs**
**MP**

## Il-Qorti:

Rat ir-rikors guramentat ta' JP datat 19 ta' Lulju 2018, a fol 1 et seqq., li jaqra hekk:

1. *Illi l-kontendenti zzewgu fil-25 ta' Lulju 2015 gewwa Surrey, l-Ingilterra, (**Dok. A**) liema zwieg gie registrat Malta u minn dan iz-zwieg huma ma kellhomx itfal.*

2. *Illi l-kontendenti ilhom de facto mifrudin u jghixu separatement minn Frar ta' 2018.*

3. *Illi ghaliex iz-zwieg tal-kontendenti tkisser ghal kollox, l-attur beda il-process ta' medjazzjoni bil-hsieb illi l-kontendenti jaslu ghall-akkordju dwar id-divizjoni tal-gid taghhom.*

4. *Illi gara appuntu l-oppost. Fix-xhur ta' diskussjonijiet illi saru mill-kontendenti*

*wara li beda l-process ta' medjazzjoni, il-konvenuta bdiet tghamilha impossibbli illi ssir is-separazzjoni bonarja.*

5. *Illi dawn il-fatti ma kienu qeghdin iwasslu ghal ebda progress u wassal lill-attur sabiex jitlob l-gheluq tal-process ta' medjazzjoni u l-presentata ta' din il-kawza.*

6. *Illi l-attur gie debitament awtorizzat illi jipprezenta kawza ta' separazzjoni kontra martu b' digriet f' dan is-sens moghti minn dina l-Onorabbli Qorti fid-29 ta' Mejju 2018 (**DOK B)**.*

7. *Illi jirriżulta li l-konvenuta mhijiex attwalment residenti flimkien ma' żewġha fid-dar matrimonjali iżda qeghda toqgħod mat-tifla taghha minn zwieg precedenti.*

*Ghaldaqstant, l-attur jitlob bir-rispett li dina l-Onorabbli Qorti joghgobha ghar-ragunijiet premessi:*

i. *Tiddikjara u tipprounzja s-separazzjoni personali bejn il-kontendenti ghal ragunijiet imputabbli lill-konvenuta u ghall-finijiet tal-Artikolu 48(c) tal-Kodici Civili (Kap 16) tistabbilixxi d-data meta l-istess konvenuta ghanda tkun kunsidrata li minnha kienet hatja tal-firda, l-adulterju, l-eccessi, mohqrija, theddid u offizi gravi ;*

ii. *Tikkundanna lill-konvenuta tikkonsenja lill-attur l-beni kollha dotali u parafernali tieghu u separatament tordna illi l-attur jigi moghti l-pjena amministrazzjoni tal-beni parafernali tieghu;*

iii. *Tillikwida l-krediti parafernali ossija pekularji tal-attur u tikkwalifika l-istess bhala krediti tal-istess attur kontra l-kommunjoni tal-akkwisti tal-kontendenti, liema ghandhom eventwalment jigu nkluzi fid-divizjoni tal-assi u d-debitiu kreditur fl-istess komunjoni, jew kontra l-konvenuta skond il-kas ;*

iv. *Tiddikjara illi, in vista tal-antecidenti tal-kontendenti fiz-zmienijiet materjali ghal daqshekk, illi l-kommunjoni tal-akkwisti ma giet qatt fis-sehh bejniethom;*

v. *F' każ illi t-talba precedenti tigi milqugha u jigi allura deciz illi l-komunjoni tal-akkwisti ma gietx stabbilita bejn il-kontendenti u ghalhekk ma tirregolax il-patrimonju taghhom, tordna u tiddeċiedi li kull parti hija, ad eskluzjoni tal-parti l-ohra, is-sid, pussessur u propjetarju esklussiv ta' dak kollu li dik il-parti akkwistat anki jekk tali akkwist sar waqt iż-żwieġ tal-kontendenti u li konsegwentement, l-attur, ad eskluzjoni tal-konvenuta, huwa l-propjetarju tal-hwejjeg kollha akkwistati minnu ukoll fil-kors taz-zwieg tal-kontendenti ;*

vi. *F' każ illi t-talba ennumerata (iv) tigi michuda u jigi allura deciz illi l-komunjoni tal-akkwisti giet stabbilita bejn il-kontendenti, ixxolji l-istess kommunjoni u tillikwida l-assi u d-djun komprizi fl-istess komunjoni tal-akkwisti;*

vii. *Ixxolji ukoll kull komunjoni iehor ta' propjeta u/jew ta' gid iehor u/jew ta' dejn ezistententi bejn il-partijiet, ta' liema xorta tkun, tillikwida dan il-gid u d-dejn kommuni ;*

viii. *Tordna illi jigi akkumulat id-dejn u l-gid kollu komuni tal-kontendenti, sew dak gej mill-komunjoni u kif ukoll dak gej minn komunjoni ohra ta' proprjeta' u tordna li l-istess gid u djun komuni jigu maqsuma f'zewg porzjonijiet komposti kif jigi ordnat u stabilit minn dina l-Qorti in vista, inter alia f' dak illi jirrigwarda l-gid gej mill-komunjoni tal-akkwisti, tad-dati tal-akkwist tad-diversi oggetti formanti l-istess komunjoni u tad-data stabilita minn din il-Qorti bhala d-data meta l-istess konvenuta ghandha tkun kunsidrata li minnha kienet hatja tal-firda, liema porzjonijiet illi jigu assenjati wahda lill-konvenuta u l-ohra lill-attur ;*

ix. *Tordna illi d-dar taz-zwieg tigi okkupata mill-attur ad eskluzjoni tal-konvenuta;*

x. *Tawtorizza lill-attur illi jirregistra ossija jnizzel fir-Registru Pubbliku is-sentenza eventwalment moghtija minn dina l-Qorti;*

*Bl-ispejjez, komprizi dawk inkorsi fil-proceduri ta' medjazzjoni.*

Rat li l-atti tar-rikors promotur, d-digriet u tal-avviz tas-smiegh gew debitament notifikati skond il-ligi;

Rat ir-risposta guramentata ta' MP datata 20 ta' Frar 2019, a fol 20 et seqq., li taqra hekk:

i. *Illi hemm qbil li tigi ddikjarata s-separazzjoni personali bejn il-kontendenti imma mhux ghar-ragunijiet mfissra mir-rikorrenti ghaliex ma huwiex minnu li z-zwieg tkisser minhabba xi raguni mputabbli lill-intimata izda kif ser jirrizulta fil-mori tal-kawza l-kagun principali kien ghal ragunijiet imputabbli unikament lill-attur, illi rrendi ruhu hati versu l-eccipjenti ta' adulterju, ingurji, eccessi u offizi gravi, illi wasslu ghat-tifrik irrevokabbli taz-zwieg tal-kontendenti u rrendew il-hajja matrimonjali bejn il-partijiet impossibbli;*

ii. *Illi l-esponenti ma tifhimx ir-raguni ghat-tieni talba meta r-rikorrenti huwa fil-pussess tal-oggetti kollha parafernali tieghu, filwaqt illi huwa wkoll fil-pussess ta' oggetti parafernali tal-intimata;*

iii. *Illi fir-rigward tat-tielet darba, il-Qorti hija mitluba tillikwida l-krediti parafernali ossija pekularji tal-konvenuta u tikkwalifika l-istess bhala krediti tal-istess konvenuta, kontra l-komunjoni tal-akkwisti tal-kontendenti liema ghandhom eventwalment jigu inkluzi fid-divizjoni tal-assi u debitu kreditur fl-istess komunjoni jew kontra l-attur skont il-kaz.*

iv. *Illi r-raba' talba u l-hames talba huma opposti. Illi ma hemmx lok li jigi dikjarat li l-komunjoni tal-akkwisti qatt ma giet fis-sehh bejn il-partijiet u ghaldaqstant dawn it-talbiet ghandom jigu michuda;*

v. *Illi fir-rigward tas-sitt, is-seba' u t-tmien talba l-intimata taqbel li hemm bzonn li jkun hemm xoljiment, likwidazzjoni u assenjazzjoni tal-komunjoni ta' l-akkwisti ezistenti bejn il-partijiet, b'dana li l-konvenuta teccepixxi li hi mhux hajta tal-firda bir-riperkussjonijiet kollha li trid il-ligi, u b'applikazjoni tal-artikoli 48, 51, 55 u 55A tal-Kodici Civili fil-konfront tar-rikorrenti.*

vi. *Illi d-disa' u l-ghaxar talbiet huma opposti. Illi l-Qorti ghandha tichad dawn it-talbiet u dan in vista ta' dak li ser jirrizulta fil-mori tal-kawza.*

vii. *Illi f'dak illi jirrigwarda l-ispejjez, galadarba l-konvenuta ma tahtix ghall-firda bejn il-partijiet, liema firda giet kagunata unikament bi htijiet u tortijiet imputabbli esklussivament lill-istess rikorrenti kif diga` inghad, l-ispejjez ta' din l-istanza ghandhom jigu sopportati interament mill-istess rikorrenti;*

viii. *Salv eccezzjonijiet ohra;*

Rat il-kontro-talba ta' MP datatat 20 ta' Frar 2019, a fol 24 et seqq., li taqra hekk:

i. *Illi hemm qbil li tigi ddikjarata s-separazzjoni personali bejn il-kontendenti imma mhux ghar-ragunijiet mfissra mir-rikorrenti ghaliex ma huwiex minnu li z-zwieg tkisser minhabba xi raguni mputabbli lill-intimata izda kif ser jirrizulta fil-mori tal-kawza l-kagun principali kien ghal ragunijiet imputabbli unikament lill-attur, illi rrendi ruhu hati versu l-eccipjenti ta' adulterju, ingurji, eccessi u offizi gravi, illi wasslu ghat-tifrik irrevokabbli taz-zwieg tal-kontendenti u rrendew il-hajja matrimonjali bejn il-partijiet impossibbli;*

ii. *Illi l-esponenti ma tifhimx ir-raguni ghat-tieni talba meta r-rikorrenti huwa fil-pussess tal-oggetti kolla parafernali tieghu, filwaqt illi huwa wkoll fil-pussess ta' oggetti parafernali tal-intimata;*

iii. *Illi fir-rigward tat-tielet darba, il-Qorti hija mitluba tillikwida l-krediti parafernali ossija pekularji tal-konvenuta u tikkwalifika l-istess bhala krediti tal-istess konvenuta, kontra l-komunjoni tal-akkwisti tal-kontendenti liema ghandhom eventwalment jigu inkluzi fid-divizjoni tal-assi u debitu kreditur fl-istess komunjoni jew kontra l-attur skont il-kaz.*

iv. *Illi r-raba' talba u l-hames talba huma opposti. Illi ma hemmx lok li jigi dikjarat li l-komunjoni tal-akkwisti qatt ma giet fis-sehh bejn il-partijiet u ghaldaqstant dawn it-talbiet ghandom jigu michuda;*

v. *Illi fir-rigward tas-sitt, is-seba' u t-tmien talba l-intimata taqbel li hemm bzonn li jkun hemm xoljiment, likwidazzjoni u assenjazzjoni tal-komunjoni ta'*

*l-akkwisti ezistenti bejn il-partijiet, b'dana li l-konvenuta teccepixxi li hi mhux hajta tal-firda bir-riperkussjonijiet kollha li trid il-ligi, u b'applikazjoni tal-artikoli 48, 51, 55 u 55A tal-Kodici Civili fil-konfront tar-rikorrenti.*

vi. *Illi d-disa' u l-ghaxar talbiet huma opposti. Illi l-Qorti ghandha tichad dawn it-talbiet u dan in vista ta' dak li ser jirrizulta fil-mori tal-kawza.*

vii. *Illi f'dak illi jirrigwarda l-ispejjez, galadarba l-konvenuta ma tahtix ghall-firda bejn il-partijiet, liema firda giet kagunata unikament bi htijiet u tortijiet imputabbli esklussivament lill-istess rikorrenti kif diga` inghad, l-ispejjez ta' din l-istanza ghandhom jigu sopportati interament mill-istess rikorrenti;*

viii. *Salv eccezzjonijiet ohra;*

Rat ir-risposta guramentata ta' JP datata 27 ta' Gunju 2019, ghall-kontro-talba ta' MP, a fol 103 et seqq., li taqra hekk:

***<u>Eccezzjonijiet</u>***

1. *Illi fl-ewwel lok din il-kontrotalba hekk istitwita ma saritx fil-perjodu ta' żmien kif xieraq u mholli skond il-liġi.*

2. *Illi t-tieni talba hija opposta peress illi l-ħwejjeġ parafernali tal-attrici tħallew minnha fid-dar matrimonjali u jistghu jigu rtirati minnha purche issir in bona fide.*

3. *Illi t-tielet talba tal-konvenuta hija opposta billi l-komunjoni tal-akkwisti qatt ma giet fis-sehh bejniethom.*

4. *Ir-raba talba tal-attrici hija opposta ghal motivi imsemmija fl-eccezzjonijiet precedenti b'dan illi kemm il-darba dina l-Onorabbli Qorti tiddijkara illi l-komunjoni tal-akkwisti giet stabbilita bejn il-kontendenti u in-vista tal-fatt illi l-kontendenti zewgu barra minn Malta u mbaghad ghamlu zmien qasir jghixu flimkien. Allura il-Qorti ghandha tistabbilixxi d-data meta l-komunjoni tal-*

*akkwisti giet stabbilita u tiddikjara li meta d-dar matrimonjali kienet inxtrat mill-attur il-komunjoni kienet ghada ma gietx prodotta u ghalhekk id-dar matrimonjali tappartjeni esklussivament lill-attur, b'dan ukoll illi kemm il-darba l-Qorti tistabbilixxi wkoll illi d-dar konjugali tifforma parti minn komunjoni tal-akkwisti ghandha tillikwida l-avvanzi u l-hlasijiet ohra li gew introdotti jew saru mill-attur u tiddikjara l-istess bħala kreditu lill-attur kontra l-komunjoni tal-akkwisti jew kontra l-konvenuta skont il-kaz, u tordna fis-sentenza taghha l-hlas eventwali tal-istess.*

5. *Il-hames talba dwar id-dar konjugali ghandha tigi respinta u tigi meqjusa biss bhala xhieda tal-impenn illi ghanda l-konvenuta biex tistana minfuq zewgha li huwa pensjonant.*

6. *Illi t-talba dwar il-kap tal-ispejjez hija opposta peress illi dawn il-proceduri u l-ispejjes gudizzjarji ghandhom jithallsu mill-konvenuta;*

Rat id-dikjarazzjoni ta' JP datata 27 ta' Gunju 2019, a fol 105 et seqq., li taqra hekk:

1. *Illi l-kontendenti zzewgu fil-25 ta' Lulju 2015 gewwa Surrey, l-Ingilterra, liema zwieg gie registrat Malta u minn dan iz-zwieg huma ma kellhomx itfal.*

2. *Illi l-kontendenti ilhom de facto mifrudin u jghixu separatement minn Frar ta' 2018*

3. *Illi ghaliex iz-zwieg tal-kontendenti tkisser ghal kollox, l-attur beda il-process ta' medjazzjoni bil-hsieb illi l-kontendenti jaslu ghall-akkordju dwar id-divizjoni tal-gid taghhom.*

4. *Illi gara appuntu l-oppost. Fix-xhur ta' diskussjonijiet illi saru mill-kontendenti wara li beda l-process ta' medjazzjoni, il-konvenuta bdiet tghamilha impossibbli illi ssir is-separazzjoni bonarja.*

5. *Illi dawn il-fatti ma kienu qeghdin iwasslu ghal ebda progress u wassal lill-attur sabiex jitlob l-gheluq tal-process ta' medjazzjoni u l-presentata ta' din il-kawza.*

6. *Illi l-attur gie debitament awtorizzat illi jipprezenta kawza ta' separazzjoni kontra martu b' digriet f' dan is-sens moghti minn dina l-Onorabbli Qorti fid-29 ta' Mejju 2018.*

7. *Illi jirriżulta li l-konvenuta mhijiex attwalment residenti flimkien ma' żewġha fid-dar matrimonjali iżda qeghda toqgħod mat-tifla taghha minn zwieg precedenti.*

**Ikkonsidrat:**

***L-attur xehed permezz ta' affidavit (vide fol 43 et seqq.)*** fejn spjega illi ilu jaf lill-intimata minn meta twieldet u cioe fit- tlieta (3) ta'Settembru 1960 u dana peress li huma kugini bl-ommijiet ahwa. Illi minhabba l-kondizzjoni ta' sahha tal-intimata, dejjem kien hemm relazzjoni tajba bejn iz-zewg familji, u l-familja tieghu dejjem kienu ta' support. Jispjega illi l-intimata dejjem kellha x-xewqa li tghix gewwa r-Renju Unit, u kif huwa ttermina relazzjoni precedenti, huma bdew jitkellmu *online* u kienu ta support ghal xulxin peress li t-tnejn li huma kienu ghadhom kif iddivorzjaw. Illi maz-zmien l-intimata bdiet tindika l-possibilita' li jibdew relazzjoni. L-attur jishaq illi huwa minn dejjem kien attirat lejn l-intimata u dan hija kienet tafu.

Illi fil-11 t'April 2013, huwa nizel Malta u r-relazzjoni bejn il-partijiet bdiet minn hemmhekk. Illi fl-1 ta' Gunju 2013, hallas one way flight ghall-intimata u filfatt l-intimata waslet l-Ingilterra vicin il- 5 ta' Gunju 2013 u bdiet tirrisjedi mieghu. Sakemm kienu jghixu flimkien, l-attur jixhed illi l-intimata qatt ma kkontribwit f'xejn, u kien hu li kien ihallas ghal kollox. Jispjega illi kellhom hajja socjali attiva hafna u kien hu li kien ihallas ghall-hrug etc. Izid illi huwa kien ha hsieb li tigi invistata mill-GP tieghu u kien jakkumpanjaha l-isptar, tant li kellu jiehu *time off* mix-xoghol tieghu biex jaghmel dan.

Illi fis-sena 2015 kienu ddecidew li jinzlu Malta biex ikunu iktar vicin il-familja tal-intimata u fil-fatt f'Lulju tas-sena 2015 kien ghamel *deposit* fuq propjeta f' Wied il-Ghajn bil-hsieb li jinzlu jghixu hemm f'Ottubru. Izid illi kien sab lil xi hadd li kien interessat jixtri l-propjeta tieghu gewwa r-Renju Unit, filwaqt li l-intimata kienet nizlet Malta f'Settembru biex tilhaq takkwista xi ghamara u fil-fatt kien anke ddepozitalha somma ta' flus f'kont bankarju intestat f'isem l-intimata sabiex setghet taghmel dan. Illi minhabba l-intervent li kienet ghamlet

f'daharha, il-partijiet kienu xorta wahda ta' sikwiet imorru lura r-Renju Unit ghall-vizti f'St Thomas Hospital. Izid illi kien anke hallas somma ta' flus sabiex hija setghet tiehu d-divorzju mill-ewwel ragel taghha. Illi t-tieg tal-partijiet kien thallas mill-attur u minn missieru.

Illi mill-*bank statements*, l-attur jishaq illi mill-flus li huwa ddepozita fil-kont tal-intimata, l-intimata kienet gibdet somma ta' flus minnhom u liema somma giet depozitata f'kont iehor taghha. Jispjega illi meta zzewget it-tifla tal-intimata, l-intimata kienet ezegiet illi huma jaghtuha rigal ta' elf u seba' mitt Ewro (EUR 1,700) u dana minkejja li f'dak il-perjodu kellhom problemi finanzjarji. Jispjega illi filwaqt li l-intimata kellha access ghall-*usernames* u l-*passwords* tieghu, hu ma kellux l-istess access ghal tali informazzjoni. Illi minkejja li huwa kien joffri sabiex jghin fix-xoghol tad-dar, l-intimata ma kienitx thallih jaghmel dan u meta kien jaghmel xi facenda, l-intimata kienet tikkritikah ghaliex dan ma jkunx sar bil-mod kif kienet tezigi hi. Jispjega illi hu kien ihossu imcekken mill-intimata u dana minkejja li kellu l-kompetenzi necessarji sabiex jaghmel certu tiswijiet fid-dar taghhom minhabba esperjenzi li kellu fl-ambitu ta' xogholu.

Jixhed illil-intimata ghamlet diversi allegazzjonijiet foloz fuq il-kundizzjoni medika taghha sabiex takkwista dak li riedet. Illi sakemm damu mizzewgin, l-intimata qatt ma kienet tkun trid tohrog mal-attur bhala koppja u kienet dejjem isib xi skuza. Illi pero' kienet tkun lesta li tohrog ma' ohtha jew ma' bintha. Illi l-intimita taghhom wara z-zwieg ukoll inbidlet. Di piu', filwaqt li familjari u hbieb taghha setghu jirrisjedu maghhom waqt il-btaliet rispettivi taghhom, il-hbieb u l-familjari tal-attur, ghajr l-genituri tieghu, kienu *persone non grate.*

**Fit-18 ta' Jannar 2018**, jispjega illi l-intimata infurmatu bid-decisjoni taghha li titlob d-divorzju, u dana wara li l-attur kien ghadu kif hareg mill-isptar wara li kien gie ammess l-isptar darbtejn minhabba ugih f'sidru li sarrfet f'kundizzjoni serja ta' *pericarditis*. Jishaq illi fid-dawl ta' dan kollu z-zwieg tieghu mal-intimata kien wiehed falz.

***Lorraine Attard rapprezentanta tal-HSBC Bank Malta Plc (vide fol 256 et seq)*** xehdet nhar id- 9 ta' Ottubru 2019 u spjegat illi f'isem l-intimata instabu zewg kontijiet, fejn wiehed minnhom infetah fit-3 ta' April 2000 u l-iehor infetah fil-11 ta' Mejju 2004. F'isem l-attur instab *savings account* li infetah fit-13 ta' April 2016.

***Sharon Delic rapprezentanta mill-Finbank (vide fol 258 et seq),*** xehdet nhar id- 9 ta' Ottbubru 2019 u spjegat illi ma nstabu l-ebda kontijiet f'isem il-partijiet.

***Miriam Sultana mill- Malta Stock Exhcnage xehdet ukoll nhar id- 9 ta' Ottubru 2019*** u spjegat illi ma nstabu l-ebda kontijiet f'isem il-partijiet.

***Jeanette Lepre rapprezentanta mill- Lombard Bank xehdet nhar id- 9 ta' Ottubru 2019*** u spjegat illi ma nstabu l-ebda kontijiet f'isem il-partijiet.

***Charmaine Psaila Raji rapprezentanta mill-APS Bank (vide fol 259 et seq) xehdet nhar id- 9 ta' Ottubru 2019*** u spjegat li ma nstabu l-ebda kontijiet f'isem il-partijiet.

***Johanna Bartolo rapprezentanta tal- BOV Bank plc xehdet nhar id- 9 ta' Ottubru 2019*** u spjegat illi ma nstabu l-ebda kontijiet f'isem il-partijiet.

***Steven Baldacchino rapprezentant tal-BNF Bank xehed nhar id- 9 ta' Ottubru 2019*** u spjega illi ma nstabu l-ebda kontijiet f'isem il-partijiet.

***Gerald Bonello rapprezentant tal-ME Direct xehed nhar id- 9 ta' Ottubru 2019*** u spjega ma nstabu l-ebda kontijiet f'isem il-partijiet.

***Doris Vella Cassia ufficjal fi hdan l-isptar Mater Dei xehdet nhar it- 2 ta'Dicembru 2019 (vide fol 271 et seq)*** u esebit il-*files* medici tal-partijiet. Indikat illi l-*files* medici tal-intimata jirrisalu ghat-2 ta'Awwissu 1989 filwaqt li dawk tal-attur jirrisalu ghas-sena 2017.

***Lorraine Attard rapprezentanta HSBC Bank Malta plc, riprodotta nhar it- 2 ta'Dicembru 2019 (vide fol 272 et seq)*** prezentat dokument LA2 li jindika transfers li saru mill-kont bankjaru tal-attur u document LA3 u LA4 li jindikaw transazzjonijiet li saru minn zewg kontijiet intestati f'isem l-intimata.

***Elaine Pavia, Head of Home u Administrator ta' Dar Merhba Bik xehet permezz ta' affidavit a fol 281***, fejn spjegat illi l-intimata ilha tirrisjedi f' Dar Merhba Bik mis-17 ta' Lulju 2018.

***Lorraine Attard rapprezentanta HSBC Bank Malta plc, riprodotta nhar l- 20 ta' Jannar 2020*** spjegat illi fir-rigward tat-transazzjonijiet indikati minnha fix-xhiedha precedenti taghha, kien hemm minnhom li jinvolvu terzi persuni u liema transazzjonijiet huwa evidenti fid-dokumentazzjoni esebita minna fid-dokumenti LA 1 sa LA 6 u La 7 sa LA 20.

***CP, missier l-attur, xehed nhar l-20 ta' Jannar 2020 (vide fol 294 et seq)*** u spjega illi huwa ilu jirrisjedi Malta b'mod intermittente ghal tlieta u ghoxrin (23) sena. Illi pero fil-prezent qieghed jirrisjedi gewwa r-Renju Unit. Jixhed illi omm l-intimata Violet, hija prima kugina tieghu, b'dana illi oht Violet u cioe Theresa hija l-mara tieghu u ilhom mizzewgin erbgha u sittin sena (46). Izid illi meta l-attur qallu li l-intimata kienet interessata li jibdew relazzjoni, huwa kien jaf li l-intimata dejjem riedet li tmur tghix gewwa r-Renju Unit u kien qallu biex jitkellmuha sew ghaliex meta tkun hemm fuq btala mod u meta tkun qieghed tirrisjedi hemmhekk huwa mod iehor.

F'dak iz-zmien l-attur kien qieghed jahdem ma kumpanija Amerikana fl-industrija digitali u kellu appartament f'Ashford Middlesex u li dak iz-zmien l-attur kellu l-intenzjoni li jibqa jirrisjedu gewwa r-Renju Unit. Illi fil-prezent l-attur qieghed jirrisjedi f' Wied il-Ghajn u dana wara li biegh il-propjeta li kellu r-Renju Unit u hallas id-djun fuq l-istess propjeta. Jispjega illi huma ukoll kienu joqghodu f'Ashford u kienu jmorru ghandhom ta' sikwiet. Illi ghalkemm huwa kien wissih illi kien ha jitlef xi flus minhabba r-rata ta' skambju, l-intimata kienet qaltlu li bejn il-pensjoni Awstraljana taghha, il-pensjoni tal-disabillita taghha minn Malta u l-pensjoni tal-attur mill-BT kienu ser ilahqu ma' dawna l-ispejjes. Jispjega illi it-tnejn li huma riedu jinzlu Malta. Jispjega illi l-intimata hija n-neputija ta' martu, u sa fejn jaf hu, ir-relazzjoni kienet wahda tajba, tant li kienet iccempel lil martu kuljum. Jirrakonta episodju minnhom fejn waqt li kienu qieghdin jirrisjedu ghandhom ghaliex kienu fuq btala Malta, kien prezenti ghall-argument, fejn waqt li l-intimata kienet qieghda tahsel il-platti ibnu mar biex jikarezzaha u l-intimata qaltlu biex ma jmisshiex.

CP u martu kienu nizlu ukoll Malta ghall-Milied tas-sena 2017 u kienu anke hargu jieklu maghhom. Illi pero fi Frar tas-sena 2018, l-attur kien qalilhom li ha jisseperaw. Illi huma kienu nizlu Malta bit-tama li jghinuhom jirrangaw l-affarijiet ta bejniethom, illi pero l-ghada filghodu l-attur kien ircieva ittra bil-Qorti ghall-medjazzzjoni fejn kien hemm indikat l-involviment li l-attur kellu ma nisa ohra. Illi kif ra hekk ix-xhud qallu li huwa mhux ser jindahal. Illi filfatt minn dak iz-zmien l'hawn, ix-xhud qatt ma rega kellem lill-intimata. Illi jispjega li l-intimata

kemm qabel u kif ukoll wara z-zwieg, kellha problemi b'saqajha illi pero kienet timxi. Mistoqsi jekk jafx kienitx tbati minn *fits*, jispjega illi sa fejn jaf hu qatt ma kellha problem ta' dan it-tip.

***L-attur xehed ukoll viva voce quddiem dina l-Qorti nhar l-24 ta Gunju 2020.*** Huwa spjega illi huma zzewwgu nhar il-25 ta' Lulju 2015 u li huwa nizel lura Malta f'Ottubru tas-sena 2015. Fir-rigward tal-propjeta f'Wied il-Ghajn, l-attur jispjega illi huma kienu raw din il-propjeta f' Gunju tas-sena 2015 u li l-bejgh imbaghad kien sar f'Settembru tas-sena 2015. Izid illi din il-propjeta inxtrat mir-rikavat tal-bejgh tal-propjeta tieghu gewwa r-Renju Unit. Illi l-pagamenti necessarji saru permezz ta' *money corp* peress li kienu joffru rati ta' skambju vantagguzi, li marru direttament ghand in-Nutar.

L-attur jishaq illi l-problemi bejnu u martu bdew meta din talbitu d-divorzju u cioe fis- 17 ta' Jannar 2018 u dan fiz-zmien li huwa kien qieghed l-Isptar minhabba li kellu infjammazzjoni mal-qalb. Izid illi wara ghaxar minuti li wasal id-dar mill-Isptar, hija kienet qaltlu li riedet id-divorzju, illi pero qatt ma spjegatlu ghalfejn. Jirrileva illi qatt ma kien hemm problemi jew argumenti bejnithom u ghalhekk baqa ma jistax jifhem ghalfejn talbitu d-divorzju. Mistoqsi jekk jixrobx jew jaghmilx uzu minn drogi b'mod rikreazzjonali, ix-xhud wiegeb fin-negattiv. Mistoqsi jekk jikkontrollax it-temperament tieghu, l-attur jispjega illi qatt ma jmur oltre milli jgholli lehnu.

Mistoqsi x'kienet ir-reazzjoni tieghu ghal dak li talbitu martu, l-attur jispjega illi huwa kien ixxokjat, tant li sahtu marret lura u fil-fatt kien tilef hafna piz fi ftit zmien. Izid illi l-intimata imbaghad bdiet tipprova ttih fastidju u tipprovokah billi tallega diversi affarijiet fil-konfront tieghu. Jispjega illi dakinhar stess li qaltlu li riedet id-divorzju marret torqod fl-*ispare bedroom*, filwaqt li huwa baqa fil-*main bedroom*. Jixhed ukoll illi sakemm kien l-isptar martu kienet marret tarah xi darbtejn. Muri l-ittra a fol 4 fl-atti tar-rikors 196/2018/2, l-attur jispjega illi dik kienet ittra li huwa kiteb bejn Frar u Marzu fejn pprova jirrikoncilja mal-intimata. B'referenza ghal dak miktub minnu, l-attur jixhed illi wara li kienet qaltlu li trid id-divorzju inghadu certu kliem u saru certu allegazzjonijiet fis-sahna tal-mument. Ix-xhud jikkonferma illi hu minn dejjem kien ihobbha lill-intimata u li kien lest li jiehu t-tort ta' kollox purche jergghu jirrikonciljaw. Izid illi jikkoncedi li seta' ha lill-intimata *for granted* u ma kienx kumplimentuz, u li ma kienx imid idejh ghall-facendi tad-dar. L-attur jinnega li huwa kien vjolenti fil-konfront ta' martu izda l-attitudnijiet rispettivi taghhom inbiddlu wara li talbitu d-divorzju, tant li bdiet tipprovokah billi bdiet tohodlu rigali li kienu qalghu minn xi hbieb u li kienet icempel lill-

pulizija biex iggibu fl-inkwiet bhal meta allegat li sakkarha barra mentri fil-verita l-intimata ma setghetx tiftah il-bieb ghaliex l-attur kien halla c-cavetta fis-serratura minn naha ta' gewwa, u l-intimata minflok cemplet il-qanpiena tal-bieb ghamlet rapport lill-pulizija.

***In kontro-ezami, nhar id- 29 ta' Ottubru 2020*** mistoqsi jekk il-problema principali bejnu u martu kienitx relatata mal-fatt li hu kien qieghed jahseb li martu hbiet il-flus li kien ta, l-attur jishaq illi dan mhux minnu pero hu ma kellu l-ebda mezz sabiex jiccekja fejn dawk il-flus kienu spiccaw peress li hi qatt ma taghtu access ghall-*istatements* tal-kontijiet taghha. Jispjega illi qabel is- 17 ta Jannar tas-sena 2018 qatt ma kien hemm argumenti bejniethom u jikkonferma li kien anke kiteb dik l-ittra u li fl-ittra jikteb li setgha mexa b'mod differenti fejn jidhlu facendi tad-dar, u li probabilment kien johodha *for granted.*

Fir-rigward id-depoziti maghmula minnu, l-attur jispjega illi huwa kien iddepozita l-ammont ta' hamsa u erbghin elf Ewro ( Eur 45,000) fil-kont tal-attrici u dana peress li huwa ma setghatx jiftah kont bankarju Malta stante li ma kienx residenti Malta. Illi din is-somma kellha tintuza sabiex tinxtara l-ghamara ghall-propjeta li xtraw f' Wied il-Ghajn. Illi peress li dan id-depozitu sar f'kont personali tal-intimata l-attur ma setghax jara fejn intefqu dawn il-flus, u llum ma jafx x'sar minnhom. Illi ghalkemm inxtrat xi ghamara u kien anke ra r-ricevuti, m'ghandux wisq aktar informazzjoni fir-rigward. L-attur jikkonferma illi l-propjeta inxtrat bil-flus tieghu u li l-istess propjeta qieghda f'ismu. L-attur jispjega ukoll illi huwa dejjem ghex r-Renju Unit u gie Malta f'Ottubru tas-sena 2015.

Meta l-attur kien jitlob lill-intimata biex jara kemm intefqu flus sabiex giet arredata l-propjeta f'Wied il-Ghajn, martu qatt ma taghtu rendikont. Ix-xhud jikkonferma **illi erbatax (14) – il xahar wara li xtraw il-propjeta, huma ssepparaw**. Jispjega illi martu telqet mid-dar b'mod gradwali, fejn gieli kienet taghmel gurnata l-boghod mid-dar, u gieli gimgha u anke xahar. F'Lulju tas-sena 2019, **l-intimata ma baqatx tmur lura d-dar**. Illi dak iz-zmien huma ma baqghux jitkellmu bejnithom.

***L-attrici xehdet permezz ta' affidavit (vide fol 350 et seq)*** u filwaqt li tikkonferma li l-kontendenti primi kugini, tispjega illi dak iz-zmien li beda l-iskambju ta' messaggi mal-attur, hija kienet separata u kienet qieghda tirrisjedi m'ommha. Illi darba minnhom omm l-attur cemplet lill-ommha u qaltilha li l-attur kien qieghed ihossu ddispjacut wara relazzjoni ohra falluta u minn hemm hija bdiet tibghatlu u toffri s-sapport taghha. Illi f'April tas-sena 2013

missieru kien hallaslu passagg ghal Malta fejn ghamel gimgha. Illi f'Mejju tal-istess sena hi telghat r-Renju Unit ghall gimghatejn u minn hemmhekk l-attur talabha tmur tghix mieghu bhala koppja. Illi filfatt f'Gunju marret l-lura r-Renju Unit. F'Ottubru huwa kien ippropona z-zwieg u hija kienet accettat.

Meta kienu infurmaw lill-genituri tal-attur, huma kienu ferhanin hafna u filfatt anke kienu haduha sabiex tixtri libsa tat-tieg u anke kienu marru maghhom sabiex jaghzlu fejn kien ser isir it-tieg. Tispjega illi l-attur inbidel hekk kif izzewwgu – b'dana illi beda jabbuza mill-intimata b'mod psikologiku u anke fiziku u spiccat priguniera f'darha stess. Tinnega li hija kienet tghix minn fuq l-attur, u filfatt tispjega li kienet caqalqet il-pensjoni tal-Awstralja gewwa r-Renju Unit. L-intimata ssostni li kienet anke ssajjar, tahsel u tnaddaf sakemm huma ghexu bhala koppja mizzewga ghal sentejn.

Tixhed illi ommha mietet gimghatejn qabel it-tieg taghhom, u l-kontendenti kienu nizlu Malta ghall-funeral. Illi qabel marru lura l-Ingilterra, kienu marru jaraw penthouse f'Wied il-Ghajn li kienet ghogbithom u l-attrici kienet ghaddiet elf Ewro (EUR 1000) lill-attur mill flus taghha ghad-deposit fuq il-*Penthouse*. Illi wara t-tieg kienu nizlu lura Malta minhabba l-konvenju imbaghad ghall-kuntratt finali. Illi isimiha qatt ma tnizzel fuq il-kuntratt ghaliex l-attur ma riedx. Illi filfatt sussegwentement, meta l-intimata xtaqet li taghmel testment u kienu marru ghand nutar iehor, kienu infurmawhom illi l-kuntratt tal-akkwist tal-*penthouse* kellu jerga jsir ghaliex minghajr l-isem u l-firma tal-intimata, id-dar ma setghatax tinbiegh. Izid illi darba minnhom kien haraq il-kopji tal-*files* medici taghha u anke ritratti tal-genituri taghha. Tispjega illi hi ma tistax tifhem x'setgha gara, meta hi dejjem urietu rispett u imhabba.

Taghmel referenza ghall-episodju fejn waqt li kienet qieghda tinhasel, u marret biex iserrah mar-*railing* ta' mal-banju, din inqalghet minn postha. L-intimata tishaq illi l-attur ried li hija twegga hi u sserrah ma' din ir-railing. Izzid illi kien jghixu biss bil-pensjoni taghha, ghaliex hu qatt ma taha "penny" u kien anke sforzaha ttih id-dettalji tal-*online banking* taghha. Illi minkejja li fi zmien l-Ghid tas-sena 2017 kien kitbilha ittra fejn talab apologija, l-ghada wara li pprova jirrovina l-ornamenti li l-intimata kellha ghat-tieg ta' bintha, waddbilha l-*iron board* u l-*clothes dryer* ghall-sieqha. Illi l-intimata spiccat biex cemplet lill-pulzija u li kienu gew immedjatament u r-ragel t'ohtha kien hadha l-*health centre.*

Illi minkejja li kienet titolbu sabiex meta jigu l-hbieb tieghu minn barra johodhom f'*hotel,* l-attur xorta wahda kien johodhom id-dar, b'dana illi l-intimata kien ikollha ssajrilhom, u tahsilhom u dana minkejja li hija kienet tkun muguwha. Illi meta kienu telghu l-Ingilterra biex taghmel operazzjoni biex tnehhi l-*ispinal cord simulator,* l-attur kien irrifjuta li jgib *taxi* tant li minkejja li hija kienet muguwa, kellha timxi sal-isptar. Illi wara l-operazzjoni saret taf illi l-attur kien gie rimborsat tal-ispejjes medici peress li din l-operazzjoni kienet *trial*. Illi filwaqt li hi ma setghetx tmur mkien wahida, l-attur kien gieli anke jaghmel iljieli shah barra. Izzid illi kienet anke uzat parti mis-somma li wirtet wara l-mewt t'ommha sabiex ghamlu s-*solar panels,* u cioe tlett elef u tmien mitt Ewro (Eur 3,800), u minkejja dan, l-attur irrifjuta li jaghtiha r-*rebate* tal-gvern. L-attur kien anke abbuziv mal-kelba taghha, tant li darba minnhom kellha anke tiehdu ghand il-Vet wara li l-attur kien tah daqqa ta'sieq. Illi meta kienet ddum barra iktar minn hmistax-il minuta bil-kelba, l-attur kien jakkuzaha li kellha wicc haddiehor. Izzid illi l-attur jisthi jimxi maghha meta tkun qieghda taghmel uzu mir-*rollator frame* u kien jaghmel minn kollox id-dar sabiex johloq l-istorbju u jaghtiha fastidju. Izzid illi hija telqet mid-dar wara li kienet sabet li l-affarijiet fil-kamra tas-sodda taghha kienu gew imnitffa permezz ta' sikkina. Wara dan, hija kienet cemplet lill Appogg u fi zmien erbgha u ghoxrin (24) siegha telqet mid-dar.

***In kontro-ezami nhar is- 27 ta' Jannar 2021 (vide fol 360 et seq)*** l-intimata ikkonfermat illi huma zzewwgu nhar il-25 ta' Lulju 2015 l-Ingilterra u li hija nizlet Malta f'Settembru filwaqt li l-attur nizel gimghatejn wara. Illi meta nizlet mill-Ingilterra, kienu ghamlu zmien jghixu fid-dar t'ommha sal-ahhar ta' Dicembru tas-sena 2015. Illi lejliet l-ewwel tas-sena marru jirrisjedu fil-*penthouse* f' Wied il-Ghajn. **Tispjega illi hija telqet mid-dar matirmonjali fis 17 ta' Lulju 2018.** Tikkonferma illi l-attur beda jsakkarha id-dar wara li marru joqghodu Wied il-Ghajn u cioe wara Jannar tas-sena 2016. Tirrileva illi hija ghamlet l-ewwel rapport mal-Pulizija **bejn Marzu u April tas-sena 2018** izda tinsisti li hi qatt ma talbet lil zewgha ghas-separazzjoni izda kien hu li talabha d-divorzju u hi kienet qaltli li hawn l-ewwel trid tissepara **u li dan kien f'Jannar tas-sena 2018**. Tispjega illi l-attur kien ghadu kif hareg mill-Isptar, u dan kien fl- 14 ta' Jannar 2018, u huwa kien ghamel erbghat ijiem l-isptar u dana **peress li kienu sabulu l-ilma mal-qalb**. **Meta wasal id-dar, kienet qaltlu biex imur jiehu *shower* ghaliex sakemm dam l-Isptar ma kienx inhasel u hu qalilha li ma riedx u baqa jinsisti. Hi qaltlu li ma kellhiex aptit toqghod targumenta mieghu u li kienet sejra torqod fl-*ispare bedroom*.** L-ghada qalilha li ried id-divorzju u hi qaltlu li hawn Malta l-ewwel trid tottjeni is-separazzjoni. Tispjega illi l-attur baqa jistaqsiha meta kien ser jircievi minghand l-avukat

taghha u dana peress li huwa kien qieghed jippretendi li ser jircievi xi ittra minghand l-avukat tal-intimata u dana peress li l-attur ried lill-intimata tibda l-proceduri relattivi. Tispjega illi sussegwentement hija kienet marret ghand avukat u bdiet il-proceduri relattivi u li dan kien **fi Frar tas-sena 2018** stante li meta ghamlet l-ewwel rapport tal-pulizija f' April tas-sena 2018, lill-pulzija kienet qaltilhom li kienu diga bdew proceduri ghas-separazzjoni.

Tikkonferma illi hija bdiet is-separazzjoni ghaliex l-attur qalilha biex tibdiha. Tikkonferma illi pero l-attur kien diga qieghed jezercita abbuz mentali u fiziku fuqha u ma setghatx tisstaporti aktar. Illi fir-rigward tal-pensjoni mill-Awstralja tghid li hija kienet qieghda titlef il-flus minhabba r-rata tal-iskambju u ghalhekk fuq parir tal-intimat kienet fethet kont gewwa r-Renju Unit u minnu kienet tigbed il-pensjoni tal-Awstralja u kienet tuzaha biex tghix sakemm damu l-Ingilterra. Fil-fatt tinsisti li hija kienet tixtri l-ikel u thallas il-gas, filwaqt li l-attur kien ihallas il-*mortgage,* dawl, *counsel tax* u kontijiet telefonici.

**Tikkonferma illi apparti l-elf ewro li hija harget, id-dar f' Wied il-Ghajn thallset mill-attur.** Tinsisti illi l-elf ewro hargu mill-kont bankarju. Illi pero tispjega illi wara l-funeral t'ommha, huha kien gabarhom id-dar u lilha kien ghaddielha tmien mitt ewro (800) u kien ghad fadlilha mitejn (200) ewro ohra mill-flus li kienet gibdet qabel ma nizlu Malta. Hi kienet ghaddiet din is-somma lill-bintha li dak iz-zmien kienet tahdem l-HSBC biex titfahomla f'kont. Illi meta marru jaraw din il-penthouse qabel telqu lura ghall-Ingilterra, din kienet ghogbithom u l-attur kien qalilha biex dik l-elf ewro titfahom fuq il-*penthouse* u filfatt din is-somma ma kienitx lahqet giet depozitata l-bank.

L-intimata tikkonferma illi l-propjeta li kienu jirrisjedu fiha gewwa l-Ingilterra kienet propjeta tal-attur u li din inbieghet u li mill-flus tal-bejgh l-attur xtara il-*penthouse*. Izzid illi isimha qatt ma tnizzel fuq il-kuntratt minkejja li kienet il-mara tieghu. Tispjega illi kien joqoghod jghid f'wiccha illi d-dar tappartjeni lilu biss. Fir-rigward tat-testment, tikkonferma illi huma ghamlu zewg testmenti separati ghand in-Nutar Joseph Tabone f' Santa Venera, fejn l-attur hallilha nofs id-dar. Illi pero' wara li telqu minghand in-Nutar, l-attur kien irrabjat minhabba l-fatt li n-nutar qallu li isem l-intimata kellu jitnizzel fil-kuntratt tal-akkwist.

***Riprodotta nhar l-10 ta' Gunju 2021 (vide fol 391et seq)*** l-intimata spjegat illi l-attur kien ilu minn Frar tas-sena 2018 ma jhalliha tuza is-*shower* li kien hemm fil-*main bedroom* u dana ghaliex beda jahseb li kienet ser tiehu xi haga minn din il-kamra. Tikkonferma illi din il-kamra

kienet tkun imsakkra. Konfrontata bid-domanda li hi ma kienitx tiehu pjacir tinhasel hemm peress li l-attur setgha jidhol f'din il-kamra kull hin, twiegeb illi dejjem setghet isakkar il-bieb tal-*bathroom*. Izzid illi qabel ma bdew il-proceduri, l-attur ma kienx isakkar il-bieb kien biss wara li nbdew il-proceduri li qabad isakkar il-kamra u dan ghall-habta ta' April meta beda jsir difficli hafna. Mistoqsija dwar l-ewwel rapport li hija ghamlet mal-Pulizija fil-konfront ta'zewgha, ix-xhud tixhed illi dan ir-rapport sar minhabba l-fatt li zewgha beda jghajjarha, ma hallhiex tuza s-shower, biddel l-internet. Konfrontata bil-fatt li fir-rapport li ghamlet nhar it-2 ta' April hija kienet allegat li l-attur kien sakkarha barra mid-dar, l-intimata tikkonferma illi din grat diversi drabi.

***Missier l-attur, CP in kontro-ezami nhar it-12 ta' Lulju 2021,*** jixhed illi huwa kien jakkumpanjahom sal-isptar gewwa r-Renju Unit imma qatt ma dahal ghall-appuntament maghhom. Mistoqsi jekk kienx jara lill-intimata muguwha, ix-xhud jindika illi huwa kien jaraha izappap. Izid illi huwa jaf illi meta l-intimata kienet ghadha l-Awstralja, kienet ghamlet sensiela ta' operazzjonijiet. Di piu' anke Malta kienet ghamlet xi operazzjonijiet.

B'referenza ghal dak li xehed waqt l-ezami tieghu, u cioe li l-intimata minn dejjem kienet tghid li riedet tmur tghix ir-Renju Unit, ix-xhud jikklarifika illi meta l-intimata kienet ghadha zghira u cioe kellha xi sbatax-il sena kienet tghid dan. Izda b'referenza ghal dak li xehed hu fl-ezami u cioe li l-partijiet imbaghad riedu jinzlu lura Malta, jispjega illi f'dak il-perjodu il-kontendenti kellhom il' fuq minn hamsin sena. Mistoqsi ukoll jekk qaghdx mar mal-partijiet il-bank sabiex isiru l-arrangamenti necessarji fir-rigward tal-akkwist tal-propjeta f'Malta, ix-xhud wiegeb fin-negattiv u sostna li d-dokumentazzjoni li ra f'dan ir-rigward kienu biss digitali.

B'referenza ghall-argument li jaghmel referenza ghalih fix-xhieda precedent tieghu, ix-xhud jikkonferma illi dak kien l-unika argument li qatt semgha bejn il-partijiet tul it-tlett (3) ijiem li hu u l-mara tieghu kienu Malta ghand il-partijiet. Izid illi huma kienu johorgu wahidhom sakemm kienu Malta u ma kienux ikunu il-hin kollu mal-partijiet. Mistoqsi jekk jaf xi haga fuq id-depozitu li sar fuq il-propejta f'Wied il-Ghajn ix-xhud iwiegeb illi huwa ma jaf xejn fuq dan.

***L-intimata in subizzjoni nhar is- 7 ta' Settembru 2022 (vide fol 427 et seq)*** u kkonfermat illi l-propjeta ta' Wied il-Ghajn giet finanzjata fl-intier taghha mill-attur, **illi pero' kienet hi li hallset id-deposit fl-ammont ta' elf Ewro (EUR 1000)**. L-intimata tikkonferma illi dana d-

depozitu thallas fit-13 ta' Ottubru 2015, izda baqghet tinsisti illi kienet hi li harget dan id-depozitu minn fondi personali taghha. Hi spjegat illi hi kellha xi flejjes f' kont bankarju Malti, u liema flejjes kienu jaghmlu uzu minnhom meta kienu jigu fuq btala f'Malta. Illi f'dan il-kont hi kienet tircievi l-pensjoni taghha. Tikkonferma illi l-attur kien ghamel sensiela ta' depoziti fil-kont bankarju taghha, minhabba d-dar ta' Wied il-Ghajn illi pero l-elf ewro (EUR 1000) ma kienitx parti minn dawna l-flejjes li ddepozita l-attur fil-kont taghha. Spjegat illi wara l-funeral ta' ommha, huwha kien qassam il-flus li ommhom kellha d-dar b'mod ugwali bejn l-ahwa kollha fl-ammont ta' tmien mitt Ewro (EUR 800) kull wiehed. Illi hi kien ghad fadlilha mitejn ewro (EUR 200) fil-portmoni taghha, u ghalhekk ghaddiet total ta' elf Ewro (EUR 1000) lil bintha R li kienet tahdem l-HSBC, sabiex tiddepozitala dana l-ammont fil-kont taghha. Illi l-attur kien qalilha biex dana l-ammont ma tiddepozitahx u jintuza bhala depozitu fuq il-*penthouse.* Illi sussegwentement kien ta prokura lil R biex tidher fuq il-konvenju ghan-nom tieghu. **Tikkonferma illi dana l-ammont kien fi flus kontanti u tikkonferma ukoll illi l-ispejjes relatati max-xiri tal-post kienu thallasu fl-intier taghhom mill-attur.**

L-intimata tishaq illi l-kuntratt kien sar f'Dicembru tas-sena 2015 u huma kienu dahlu fil-post lejliet l-ewwel tas-sena u qabel ma dahlu fil-*penthouse* kienu jghixu fid-dar t'ommha. Irrilevat illi kienet ix-xewqa tal-attur li jirtira f' Malta u qatt ma kellhom diskussjonijiet fejn l-attur kien ta x'tifhem illi l-post inxtara bhala investiment u mhux biex jibqghu jghixu fih ghal dejjem. Tinsisti illi l-ghamara inxtrat minnhom f'daqqa, u li mill-flus li wirtet wara l-mewt ta' ommha, ma kienx ghad fadal xejn minnhom.

Spjegat ukoll illi l-attur kien talabha taghtih id-dettalji tal-*internet banking* u kull xahar kien jezigi illi l-bilanc ikun zero, b'dana illi hekk kien ikollu mohhu mistrieh li hi ma kienitx qieghda tahbi xi flus minnu. Illi mill-*internet banking* kien ukoll jivverifika jekk kienitx tkun dahlet l-pensjoni tal-Awstralja taghha. Illi l-flus li kienet tigbed mill-ATM kien ikollha taghtihom lilu, u kien hemm drabi fejn l-attur gibed mill-ATM mill-kont taghha peress li kien jaf il-*PIN number*. Stqarret illi wara z-zwieg, l-attur kien ha kontroll ta' hajjitha u li kien jaghmel transazzjonijiet minghajr l-kunsens taghha mill-*internet banking* taghha.

Tinsisti illi hi m'hiex a konoxxenza ta' jekk l-attur kienx fetah kont bankarju Malta, u specifikat illi t-trasfrimenti li saru mill-attur fil-kont bankarju taghha kienu biss dawk fil-bidu taz-zwieg qabel ma nxtrat il-*penthouse*.

***L-intimata nhar il-5 ta' Ottubru 2023 (vide fol 454 et seq)*** esebit skambju ta' messaggi bejnha u l-attur, datati 29 ta' Jannar 2018. Illi f'dana l-iskambju l-attur akkuzaha li kellha wicc haddiehor, izda hi kienet qaltlu li marret fejn bintha Joanne peress li dakinhar inzerta l-*birthday* ta' bintha u anke baghtitlu ritratt biex turih fejn qieghda. Ghamlet referenza ukoll ghall-messagi ohra fejn l-attur akkuzaha li kienet qieghda tigdiblu mill-bidu net, u ohrajn fejn talabha li jiddiskutu s-sitwazzjoni ta' bejniethom.

Fir-rigward l-istat ta' sahha taghha, spjegat illi minhabba d-dizabilita' taghha, zviluppat kwistjonijiet ta' sahha ohra, fosthom fil-kliewi. Xehdet illi tlett (3) *discs* gew rimossi min daharha u ghandha dannu fix-xjatika. Ikkonfermat illi dawn il-problemi kienu ezistenti minn qabel iz-zwieg u li l-genituri tal-attur gieli akkumpanjawha ghal-appuntamenti medici. Sostniet illi l-ewwel operazzjoni f'dahrha saret l-Awstralija fil-waqt li t-tnejn l-ohra saru Malta.

Ziedet illi qatt ma setghet tissoponi li l-attur kien ser jitrattaha b'dana l-mod u kif inbidel wara z-zwieg taghhom.

***L-attur xehed nhar l-20 ta' Novembru 2023 (vide fol 474 et seq)*** u esebixxa document STX li jindika *timeline* finanzjarja. L-attur spjega illi fir-rigward it-transazzjoni datata 28 ta' Settembru 2015, l-attur m'ghandux amment ghalfejn l-ammont indikat ingibed mill-kont bankarju tieghu gewwa r-Renju Unit.

**Ikkonsidrat:**

Illi permezz ta' l-azzjoni odjerna u tal-kontro talba relattiva, l-partijiet qeghdin jitlobu s-separazzjoni personali, kif ukoll sabiex din il-Qorti tirregola l-effetti konsegwenzjali. L-attur qed jimputa t-tkissir taz-zwieg unikament lill-intimata minhabba adulterju, eccessi, mohqrija, theddid u offizi gravi kommessi minnha kontra tieghu. Minn naha l-ohra l-konvenuta qed tadduci kontra zewgha l-attur il-htija ghat-tifrik taz-zwieg taghhom minhabba abbandun, sevizzi, adulterju, ingurji, eccessi u offizi gravi u l-inkompatibilita' tal-karattri taghhom.

Fir-rigward tal-eccessi, intqal illi dawn huma:

***"tutti quegli atti di violenza che eccedono ogni misura e che possono mettere in pericolo la vita del coniuge".*** [1] ***Baudry Lacantinerie jghallem illi "Gli eccessi sono atti di violenza compiuti da uno dei coniugi verso l'altro e che possono porre in pericolo la salute e per fino la vita della vittima."*** [2]

Fis-sentenza fl-ismijiet ***Josephine Bonello pro et noe vs John Bonello*** deciza mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fit-12 ta' Novembru 1999, u citata b'approvazzjoni minn din il-Qorti diversament presjeduta:

***"fil-fehma tal-Qorti, il-fatt li r-raġel iċaħħad lil martu minn manteniment xieraq u jkun xħiħ magħha f`dan ir-rigward, b`mod li jwassalha biex tirrikorri għal għand il-familjari tagħha għall-flus jew għal stratagemmi bħal ma jidher li wettqet l-attriċi, jammonta għal eċċessi fis-sens tal-artikolu 40 tal-Kodiċi Ċivili".***

Fir-rigward ta' sevizzi imbaghad, dawn gew definiti bhala:

***"dawk l-atti abitwali li joffendu l-persuna u l-animu tal-konjugi li lilu huma diretti, u li jaslu biex joholqu ezarcerbazzjoni f'dak il-konjugi hekk offiz, u avverzjoni profonda ghall-konjugi l-iehor li jikkommetti dawk l-atti."*** [3] ***Filfatt, Baudry Lacantinerie jghallem illi "Le sevizie rappresentano una attenuazione degli eccessi. Consistono in cattivi trattamenti, in vie di fatto che, pur senza minacciare la vita o la salute, rendono pero' insopportabile la coabitazione".*** [4] ***Fis-sentenza fl-ismijiet Maria Mifsud vs Vincenzo Mifsud deciza mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fit-30 ta' Gunju 1961 intqal illi "Certi fatti, kliem u modi ta' azzjoni jew atteggjamenti illi jistghu jirrendu l-hajja komuni insopportabbli, huma ritenuti mid-dottrina bhala sevizzi."***

Jinsab ritenut illi:

***"…mhux kull nuqqas da parti ta' konjuġi versu l-konjugġi l-ieħor jwassal għal sevizzi, minaċċi jew inġurja gravi fit-termini tal-Artikolu tal-Kodiċi ivili u huma***

[1] Vide Fadda, Giurisprudenza, Art.150, para. 214
[2] Trattato Teorico Pratico di Diritto Civile, Delle Persone, Vol.IV, para. 35.
[3] Vide Giuseppa Agius vs Pacifiko Agius, Qorti tal-Appell Civili, deciza 10 ta' Dicembru 1951.
[4] Trattato Teorico Pratico di Diritto Civile, Delle Persone, Vol.IV, para. 35.

***biss dawk in-nuqqasijiet li, magħmula ripetutament u abitwalment, iweġġgħu u jferu lill-konjuġi sal-grad li l-konvivenza matrimonjali ssir waħda diffiċli u insapportabbli. Kif jinsab ritenut fil-ġurisprudenza patria: "Per sevizie nel senso della legge s'intendono atti abituali di crudelta' che offendono la persona o l'animo di colui e sono diretti al punto da ingenerare in lui perturbazione, un dolore ed un aversione verso chi commette tali atti. [PA Camilleri utrinque, 16 Marzu 1898]."***

Il-Qorti rat ukoll illi fis-sentenza fl-***ismijiet Emanuela sive Lilly Montebello vs John Mary sive Jimmy Montebello*** deciza mill-Qorti tal-Appell fil-25 ta' Novembru 2016 intqal illi:

***"Dan il-komportament abitwali [b'referenza ghal vjolenza fizika u morali] da parti tal-intimat, li eventwalment wassal ghat-tifrik taz-zwieg bejn il-partijiet, jikkwalifika bhala 'sevizzi' fit-termini tal-Artikolu 40 tal-Kodici Civili, stante li minhabba l-persistenza tieghu rrenda difficli hafna ghar-rikorrenti l-konvivenza matrimonjali. Minn barra dan, il-fatt li dan il-komportament tal-intimat kien beda jigi ezercitat sa mill-bidu tal-hajja konjugali fil-konfront tar-rikorrenti li minn naha taghha kienet tissaporti dan il-komportament ta' zewgha filwaqt li, minkejja dan l-agir abitwali ta' zewgha, kienet assumiet wahedha l-oneru tat-trobbija tat-tfal taghhom, jattira fil-konfront tal-intimat l-applikazzjoni tal-Artikolu 48 [1] [a] [c] [d] tal-Kodici Civili."***

Fir-rigward tal-ingurji gravi, inghad fis-sentenza fl-ismijiet: ***Marthese Vella pro et noe vs George Vella*** deciza mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fit-28 ta' Frar 2003 illi:

***"l-ingurji gravi ma gewx specifikament dezinjati mid-duttrina, imma l-karattru generali taghhom gie dejjem imholli fis-sagacja u l-kuxjenza ta' l-Imhallef sabiex jivvalutahom."***

Il-Qorti rat illi fis-sentenza fl-ismijiet **AB vs CB** deciza fit-28 ta' Gunju 2018, din il-Qorti diversament presjeduta kienet qieset illi l-fatt illi ragel tar-rikorrenti kien ihalliha nieqsa mill-flus, u l-fatt illi hati ta' abbuz emozzjonali minhabba diversi offizi u nsulti da parti tieghu kontra martu, irrendieh hati ta' sevizzi u ingurji gravi fil-konfront ta' martu u li ghalhekk kellu jerfa r-responsabbilita primarja ghat-tifrik taz-zwieg.

Fir-rigward adulterju, inghad illi l-kwistjoni kollha ddur fuq il-prova tal-istess adulterju u jekk min jallega l-istess, jistax fattwalment jaghti prova taghha. F'dan l-istadju il-Qorti tagħmel referenza għall-kawża fl-ismijiet ***Maria Dolores sive Doris Scicluna vs. Anthony Scicluna*** fejn ġie dikjarat li:

> ***"L-adulterju minn dejjem ġie meqjus bħala l-kawżali l-aktar gravi li għaliha l-liġi tawtorizza s-separazzjoni personali. Huwa ormai pacific u fid-dottrina u fil-ġurisprudenza li l-adulterju jista' jkun pruvat permezz ta' indizzji u preżunzjonijiet, purche' dawn ikunu gravi, preċiżi u konkordanti, b'mod li ma jħallu ebda dubju f'min għandu jiġġudika". (Vide ukoll Rita Spiteri vs Avukat Dr Albert V Grech et noe)***

Inghad illi peress li din il-kawzali hija wahda mill-aktar gravi, il-Qrati taghna taw interpretazzjoni pjuttost ristretta sabiex jigi pruvat.

L-abbandun huwa motiv ghas-separazzjoni fil-Ligi Maltija u fil-fatt, l-artiklu 41 tal-Kodici Civili jistipula s-segwenti:

> ***Kull wahda mill-partijiet mizzewga tista' wkoll titlob il-firda jekk ghal sentjen jew izjed, tkun abbandunata mill-ohra, minghajr raguni tajba.***

Kemm mid-dicitura tal-artikolu u wkoll minn gurisprudenza kostanti taghna jirrizulta illi lkriterji sabiex azzjoni bhal din tirnexxi huma tnejn, u cjoe' l-abbandun jipperdura ghal sentejn jew izjed, u li l-abbandun isehh minghajr raguni tajba.

L-abbandun huwa motiv ghas-separazzjoni fil-Ligi Maltija u fil-fatt, l-artiklu 41 tal-Kodici Civili jistipula s-segwenti:

> ***Kull wahda mill-partijiet mizzewga tista' wkoll titlob il-firda jekk ghal sentjen jew izjed, tkun abbandunata mill-ohra, minghajr raguni tajba.***

Kemm mid-dicitura tal-artikolu u wkoll minn gurisprudenza kostanti taghna jirrizulta illi l-kriterji sabiex azzjoni bhal din tirnexxi huma tnejn, u cjoe' l-abbandun idum ghal sentejn jew

izjed, filwaqt li l-abbandun isehh minghajr raguni tajba. Fil-*kawza* **Andrea Avellino vs. Regina *Avellino*[5]**, insibu definizzjoni cara ta' dawn il-kriterji, fejn intqal:

> ***Illi dwar l-abbandun, jingħad li l-istess, biex jista' jikkostitwixxi kawżali tas-separazzjoni, irid, apparti ż-żmien, li fil-każ se maj jikkonkorri, illi jkun sar bla ġusta kawża. Huwa fatt li l-apprezzament taċ-ċirkustanzi "di fatto" li l-abbandun mid-dar ikun sar volontarjament (ċjoe bla kawża ġusta), b'mod li jkun jista' jagħti lok għas-separazzjoni personali għall- ħtija ta' min jirrikorri għalih, huwa mħolli fil-kriterju tal-maġistrat deċidenti; kif ukoll ġie deċiż illi mhux kwalunkwe allontanament ta' konjuġi mid-domiċilju konjugali jikkostitwixxi l-prova ta' l-abbandun volontarju: imma jrid ikun jirriżulta minn fattijiet li juri l-intenzjoni żgura, ferma u pożittiva, ta' min jabbanduna, li ma jerġax imur jgħammar mal-parti l-oħra. U biex ikun kundannabbli, l-abbandun irid ikun kapriccuz u mhux gustifikat minn xi motiv ragjonevoli.***

Illi hawn issir referenza għall-kawża fl-ismijiet **Josephine Anne Edwards vs. Avukat Dr. Joseph Xuereb noe**,[6] fejn il-Qorti sostniet illi:

> ***Biex jikkostitwixxi motiv ta' separazzjoni, l-abbandun irid ikun ingust fiz-zmien tieghu kollu ta' sentejn.***

**Ikkonsidrat:**

Jirrizulta illi l-partijiet izzewgu fil-25 ta' Lulju 2015 gewwa Surrey, l-Ingilterra, liema zwieg sussegwentement gie registrat Malta. Illi minn dan iz-zwieg il-partijiet ma kellhomx tfal. Mill-atti jidher illi l-partijiet huma primi kugini, bl-ommijiet ahwa, u ghalhekk ilhom jafu lil xulxin hajjithom kollha. Wara li l-partijiet tterminaw ir-relazzjonijiet precedenti taghhom, u wara zmien fejn kienu jikkorrispondu *online* u bi skambju ta' messaggi, fil-11 t'April 2013, l-attur niezel Malta u r-relazzjoni bejn il-partijiet bdiet minn hemmhekk. Illi sussegwentement fil-bidu ta' Gunju tas-sena 2013, l-intimata telghet ir-Renju Unit biex bdiet tghix mal-attur.

[5] Deciza mill-Prim Awla tal-Qorti Civili nhar is- 16 ta' Dicembru 1949.

[2] Deciza mill-Prim Awla tal-Qorti Civili nhar it-22 ta' Frar 1961.

Illi fis-sena 2015, il-partijiet nizlu Malta fejn stabbilixxew ruhhom u l-attur xtara proprjeta Malta fl-1 ta' Dicembru 2015. Illi z-zwieg tal-partijiet kien wiehed relattivament brevi stante li **ilhom minn Frar tas-sena 2018 mifrudin *de facto***. Illi kif jirrizulta mic-certifikat taz-zwieg *a fol 7* tal-atti, jidher illi l-partijiet kienu ta' eta piutost matura meta zzewwgu u dana stante li filwaqt li l-attur kellu hamsa u tmenin sena (58), l-intimata kellha erbgha u hamsin sena (54).

***Htija Ghat-Tifkrik taz-Zwieg***

Illi permezz ta' din il-kawza, entrambi l-partijiet qeghdin jitolbu illi tigi pronunzjata s-separazzjoni personali ghal ragunijiet unikament imputabbli lil xulxin.

Illi minkejja li z-zewg kontendenti jinvokaw il-htija tal-adulterju kontra xulxin, il-Qorti tosserva illi ebda wahda mill-partijiet ma ressqet l-icken xrara ta' prova f'dan ir-rigward. U dak kollu li ntqal fuq din il-materja jibqa' fir-relm ta' allegazzjonijiet vagi u suspetti fl-arja. Illi ghalhekk din il-Qorti ma tarax li dan l-mottiv isib applikazzjoni fit-tkissir taz-zwieg tal-partijiet. Illi hija l-fehma konsiderata ta' din il-Qorti illi l-istess jista' jinghad fir-rigward tal-motiv tal-abbandun invokat mill-intimata. Illi ghajr it-testimonjanzi taghha, l-intimata ma resqet l-ebda provi li jikkoraboraw it-tezi taghha. **Anzi *se mai*, kienet l-intimata li telqet mid-dar matrimonjali, kif tixhed *ex admissis* hi stess**, b'dana illi r-ragunijiet li wasluha taghmel dan, sejrin jigu mistharga aktar l'quddiem.

Illi fid-dawl ta' tali konsiderazzjonijiet, il-Qorti ma tqisx illi hemm provi ta' abbandun u adulterju fil-konfront tal-intimata, u bl-istess mod ma ssibx lill-attur hati ta' adulterju fil-konfront tal-intimata.

Il-Qorti rat ukoll illi l-partijiet invokaw ukoll motivi ta' eccessi, mohqrija, theddid u offizi gravi kommessi bhala raguni wara t-tkissir taz-zwieg taghhom. Illi ghar-rigward pero' il-Qorti hija rinfacciata b'zewg versjonijiet diametrikament opposti, b'dana illi filwaqt li l-attur jinnega kategorikament li huwa kien vjolenti fil-konfront ta' martu, u jishaq li kienet martu li dejjem naqset milli taghtih access ghall-informazzjoni bankarja fir-rigward tal-flus minnu ddepozitati, waqt li l-intimata ssostni illi l-attur kien ta' sikwiet vjolenti u kien jaghmel minn kollox biex jaghmilha hajjitha infern. Tirrileva ukoll illi l-attur kien jezigi li l-penzjoni taghha ghandha taghmel tajjeb ghall-ispejjes tal-hajja.

In materja legali, gie rilevat mill-Qrati domestici illi:

> ***Mhux kwalunkwe tip ta' konflitt ghandu jhalli lill-Qorti f'dak l-istat ta' perplessita` li minhabba fih ma tkunx tista' tiddeciedi b'kuxjenza kwieta u jkollha taqa' fuq ir-regola "in dubio pro reo". Madanakollu "l-Qorti … ghandha tezimina bl-ikbar reqqa jekk xi wahda mill-versjonijiet, fid-dawl tas-soliti kriterji ta' kredibbilta' u specjalment dawk tal konsistenza u versosimiljanza, ghandhiex teskludi lill ohra, anke jekk fuq bilanc tal-probabbilta' u preponderanza tal-provi, ghax dawn, f'kawzi civili, huma generalment sufficjenti ghall-konvinciment tal-gudikant. Illi l-Qorti tkompli tghid li fin-nuqqas ta' korroborazzjoni tal-verzjoni tal-attur ghandha tigi applikata l-massima actore non probante reus absolvitur.***[7]

Illi ta` l-istess portata hija s-sentenza li tat il-Qorti ta` l-Appell Inferjuri fis- 6 ta` Dicembru 2011 fil-kawza ***"Dhalia Investments Limited (C1604) vs Gloria Pont"*** fejn inghad:

> ***Huwa pacifiku f'materja ta' konflitt ta' versjonijiet illi l-Qorti kellha tkun gwidata minn zewg principji fl-evalwazzjoni tal-provi quddiemha: li taghraf tislet minn dawn il-provi korroborazzjoni li tista' tikkonforta xi wahda miz-zewg verzjonijiet bhala li tkun aktar kredibbli u attendibbli minn ohra; u fin-nuqqas, li tigi applikata l-massima actore non probante reus absolvitur. Fi kliem iehor il-Qorti ghandha tezamina jekk xi wahda miz-zewg verzjonijiet, fid-dawl tas-soliti kriterji tal-kredibbilta` u specjalment dawk ta-konsistenza u verosimiljanza, ghandhiex teskludi lill-ohra, anke fuq il-bilanc tal-probabiltajiet u tal-preponderanza tal-provi, ghax dawn, f'kawzi civili, huma generalment sufficjenti ghall-konvinciment tal-gudikant.***[8]

Ghar-rigward, il-Qorti tal-Appell, fis-sentenza fl-ismijiet ***Middle Sea Insurance p.l.c. noe vs. Victor Sammut*** irreteniet illi:

> ***F'każ ta' konflittwalità l-Qorti trid tadopera aktar attenzjoni biex proprju taċċerta ruħha jekk xi waħda miż-żewġ verżjonijiet possibbli għandhiex teskludi lill-oħra, anke fuq l-bilanċ tal-probabilitajiet, tal-preponderanza u tal verosimiljanza tal-***

[7] Brigitte Vella pro et noe vs Richard Vella nhar il- 5 ta' Ottubru 2001:

[8] Maria Xuereb et vs Clement Gauci et (A.I.C. (P.S.) 24 ta' Marzu 2004)

> ***provi." Għalhekk fil-konflitt ta' versjonijiet li jesisti f'din il-kawża għandu jiġi esaminat liema waħda mit-teżijiet konfiliġġenti hi l-aktar attendibbli. Għandu jiġi esaminat jekk xi waħda mill-versjonijiet hi sostnuta mill-provi prodotti. Jekk jesistu tali provi konsegwentement ikun hemm sostenn qawwi u definittiv lil xi waħda mill-verżjonijiet li allura jista jingħad li hi korroborata. Għandu jiġi esaminat ukoll jekk jesistix xi fatt li jwassal għall-konklużjoni liema verżjoni tirrispekkja r-realtà tal-fatti, u kwindi għandha tiġi aċċettata bħala dik veritiera u attendibbli.***

Illi kif diga accennat aktar qabel, il-provi esebiti mill-partijiet huma piutost skarsi. Filwaqt li l-Qorti tikkoncedi illi l-partijiet xehdu diversi drabi anke permezz tal-affidavits rispettivi taghhom, ghajr it-testimonjanzi tar-rapprezentanti tal-banek u istituzzjonijiet finanzjarji ohra, u ufficjal mill-isptar Mater Dei, u x-xhieda ta' missier l-attur, il-partijiet naqsu milli jressqu t-testimonjanzi ta' hbieb u familjari, li possibbilment setghu jikkoraboraw il-verzjonijiet konfliggenti taghhom.

Illi dan qieghed jigi sottolineat minn din il-Qorti fid-dawl tal-fatt li l-intimata *ad exemplum* tixhed illi kien hemm mument partikolari fejn cemplet lil xi hadd minn ulieda ghall-ghajnuna u li anke kienet akkumpanjata gewwa l-*health centre* mir-ragel t'ohtha. Il-Qorti tosserva ukoll illi f'rapport minnhom hemm indikat li l-intimata kienet fil-presenza ta' certu Desire Vella Brincat.[9] Filwaqt li din il-Qorti tosserva illi giet prodotta kopja informali tas-sentenza tat-12 ta' Frar 2019, tal-Qorti tal-Magistrati preseduta mill-Magistrat Dottor Caroline Farrugia Frendo[10] din il-Qorti tinnota ukoll pero' illi **la Desire Vassallo wisq anqas il-qraba li taghmel referenza ghalihom l-intimata fix-xhieda taghha ma xehdu tul il-mori tal-proceduri odjerni. Illi di piu' s-sentenza informali ma tikkostatax prova f'dawn il-proceduri minghajr il-konferma taghha mir-Registratur tal-Qorti Kriminali.**

Filwaqt li qieghed jigi notat illi l-intimata esebit tlett (3) rapporti li l-hija ghamlet fil-konfront tal-attur fl-atti tar-rikors ghall-izgumbrament tal-attur mid-dar matrimonjali u ghall-hrug ta' Ordni ta' Protezzjoni, u cioe fl-atti tar-rikors bin-numru 196/2018/2, dawn r-rapporti qatt ma gew kkonfermati mill-ufficjali rispettivi fi hdan il-Pulzija. Il-Qorti osservat ukoll illi kif indikat fir-rapport li jirrakonta l-episodju tal-allegat twaddib tal-*ironing board* u/jew *horse* tal-inxir, mill-liema akkuzi, **l-attur gie liberat permezz ta'sentenza tal-Qorti tal-Magistrati**

[9] Vide rapport a fol 16 et seq tal-atti tar-rikors bin-numru 196/2018/2.
[10] Vide kopja informali tas-sentenza a fol 22 fl-atti tar-rikors bin-numru 196/2018/2.

**preseduta mill-Magistrat Dottor Astrid May Grima datata 5 ta' Gunju 2020**[11] **skond ma hemm indikat, jidher li l-intimata kienet irrifjutat li taghmel uzu mis-servizzi tal-Victim Support Unit**. Illi kien biss fl-episodju fejn kienet akkumpanjata minn certu Desiree Vella Brincat li jidher li l-intimata ghazlet li taghmel uzu mis-servizzi tal-Victim Support Unit, **li pero' ukoll ma gewx prodotti bhala xhieda.**

Illi l-Qorti rat ukoll l-affidavit ta' Elaine Pavia, *Head of Home u Administrator* ta' Dar Merhba Bik xehet permezz ta' affidavit a fol 281, fejn spjegat illi l-intimata ilha tirrisjedi f' Dar Merhba Bik mis-17 ta' Lulju 2018, illi pero' ma nghatat l-ebda informazzjoni ulterjuri ghar-rigward. Fix-xhieda taghha l-intimata tghid li kienet ukoll f'kuntatt mal-Appogg, pero ukoll ma tressqux bhala xhieda. Illi l-Qorti rat illi l-attur ukoll2 naqas milli jesebixxi r-rapport tal-Pulizija tat-2 ta' April 2018 u l-messaggi skambjati bejn il-partijiet li saret referenza ghalihom fl-udjenza tal-10 ta' Gunju 2021.[12]

Filwaqt li din il-Qorti tifhem illi vittmi ta' Vjolenza Domestika jistghu jkunu mahkuma minn biza' kbira kemm qabel ma jinbeda l-process gudizzjarju ghas-separazzjoni u anke tul dana l-process, il-Qorti hija tenuta li tibbaza l-konsiderazzjonijiet taghha fuq provi konkreti u konvincenti specjalment fid-dawl ta' allegazzjoni ta' Vjolenza Domestika ta' kwalsiasi natura u/jew forma.

Il-Qorti wara li ghamlet ezami intensiv tal-provi kollha prodotti f'dan il-kas, tqis li jidher car illi z-zwieg tal-kontendenti tfarrak u sfaxxa attwalment meta l-attur irritorna fid-dar matrimonjali wara t-tieni soggorn tieghu fl-isptar Mater Dei b'konsegwenza ta' kondizzjoni serja f'qalbu cioe' ***pericarditis.*** Hekk kif hareg mill-isptar, l-intimata insistiet mal-attur biex jidhol jinhasel u meta l-attur irrisponda li ma felhax jaghmel dan, l-intimata qabbdet u marret torqghod fl-*ispare bedroom.* Il-Qorti tqis li koppja f'relazzjoni konjugali sana, f'tali cirkostanzi, taghmel minn kollox sabiex tindokra u tikkura lill-konjugi aflitt b'kondizzjoni ta' sahha tant imwiergha. Ir-reazzjoni tal-intimata f'dan ir-rigward turi doza qawwija ta' krudelta u ta' indifferenza u apatija. Kien dan l-incident li wassal ghat-tifrik taz-zwieg li diga' jidher li kien afflitt minn certu bruda u nuqqas serju ta' empatija miz-zewg partijiet. Kien wara din l-esperjenza li l-attur informa lill-intimata li ried id-divorzju.

[11] Vide vera kopja tas-sentenza originali a fol 334 et seq tal-atti.
[12] Vide verbal a fol 389.

Illi in segwitu ta' dan l-incident l-intimata fittxet biex tintavola rapporti tal-pulizija biex tipprotegi u tissalvagwardja s-sitwazzjoni taghha.

Il-Qorti rat illi s-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati per Onor. Magistrat C Farrugia Frendo, hija sentenza informali u ghaldaqstant ma tikkonstatax prova kontra l-attur f'dawn il-proceduri. Di piu' s-sentenza ta' Onor. Magistrat Astrid May Grima turi li l-attur gie liberat mill-akkuzi kollha dedotti kontra tieghu (Vide Fol 334).

Minn naha l-ohra, il-Qorti tifhem li l-intimata kienet ghaddiet minn hafna tbatija f'hajjitha u ssubiet diversi operazzjonijiet ta' natura serja kemm fis-sinsla ta' darha kif ukoll f'riglejha. Dawn l-operazzjonijiet kienu antecidenti ghaz-zwieg. Izda il-konsegwenzi ta' dawn l-operazzjonijiet kollha kien ifisser li l-intimata kienet tkun muguha ta' sikwiet. Ghalhekk il-facendi tad-dar, li anki b'ammissjoni tal-attur stess, li jidher li waqghu kollha fuqha, kien piz ahrax wisq ghaliha specjalment bil-mod li bih l-attur kien jippretendi li jistieden lill-shabu u lill-familja tieghu biex jalloggjaw fid-dar matrimonjali ghall-btala taghhom, bil-konsegwenza ta' taghabija ferma akbar ta' facendi, tindif u tisjir kien jaqa' fuq l-intimata - taghabija li l-intimata ma felhitx ghaliha. Kien hemm nuqqas komplet daparti tal-attur ta' gharfien tat-taghabija li kien qieghed jitfa' fuq l-intimata u n-nuqqas tieghu ta' sapport u assistenza f'dawn ic-cirkostanzi ta' sahha menomata tal-intimata, kien jammonta ghall-krudelta' u mohqrija. Di piu', l-intimata kienet ilmentat ukoll illi minkejja li kienet tkun migugha hafna, l-attur kien jesigi li l-intimata timxi minflok ma jgib taxi minn jew ghal-isptar.

Ghaldaqstant il-Qorti issib illi z-zwieg tal-kontendenti tfarrak fit-18 ta' Jannar 2015 u li z-zewg kontendenti jahtu ghat-tifrik taz-zwieg taghhom u tapplika l-Artikolu 40, 51 sa 55 tal-Kap 16 fil-konfront taz-zewg kontendenti.

***Komunjoni tal-Akkwisti:***

Illi din il-Qorti rat illi l-attur qieghed jishaq illi l-komunjoni tal-akkwisti bejn il-kontendenti qatt ma giet fis-sehh bejniethom. Illi l-intimata tikkontendi l-oppost ta' dan. Il-Qorti rat illi l-artiklu 1316(2) tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta jistipula is-segwenti u cioe:

> ***"iż-żwieġ li jsir barra minn Malta min-nies li, wara jiġu joqogħdu f'Malta, iġib ukoll bejniethom il-komunjoni tal-akkwisti, għal dawk il-beni li huma jakkwistaw <u>wara li jaslu f'Malta"</u>***

Illi l-partijiet zzewgu fil-25 ta' Lulju 2015 u dana kif jirrizulta mic-certifikat tatz-zwieg a fol 7 tal-atti.

Illi fl-affidavit tieghu l-attur sahaq illi:

> *"In May of the year 2015 MP and I decided that we would move to Malta to be closer to her family. In July 2015 I put a deposit down on the property in Marsascala with the intention to move there in October… MP came to Malta before me in order to look around for furnishings etc in advance of my arrival. This was early September 2015, while I joined her on the 4th October 2015. I signed the contract for the purchase of my Marsakala property on 1st December 2015…"* [13]

Din il-Qorti hija tal-fehma illi gie stabbilit b'mod palezi illi l-intenzjoni tal-kontendenti kienet li wara z-zwieg taghhom celebrat nhar il-25 ta' Lulju 20215, huma kellhom jinzlu Malta u ddecidew li ser jistabilixxu ruhhom f'dawn il-gzejjer. Illi ghalhekk ir-regim tal-komunjoni tal-akkwisti skatta *ipso jure* kif stabblit fl-artiklu citat sopra. Illi mix-xhieda tal-partijiet jirrizulta illi effettivament huma stabbilew ruhhom f' Malta **<u>qabel</u>** ma giet akkwistata l-propjeta f'Marsascala, tant illi l-attur kien diga' biegh il-propjeta li kellu fir-Renju Unit. Illi ghalhekk hija l-fehma konsiderata ta' din il-Qorti illi dak sottomess mill-attur ma jsibx applikazzjoni u effettivament bejn il-partijiet ghadha *in vigore* il-komunjoni tal-akkwisti.

Illi din il-Qorti tosserva illi ir-residenza f' Wied il-Ghajn kienet il-punt ewlieni ta' kontestazzjoni bejn il-partijiet u filfatt kienet il-qofol tat-trattazzjoni finali tal-partijiet.

***Id-Dar Matrimonjali***

Illi mill-atti jidher li essenzjalment il- l-vertenzi tal-partijiet jikkoncernaw din l-istess propjeta.

Illi permezz ta' digriet pendent lite datat 3 ta' Marzu 2022, (vide fol 412 et seq) din il-Qorti kienet cahdet it-talba ghall-izgumbrament tal-attur.

Jirrizulta illi l-imsemmi fond u cioe l-penthouse *Violet, Flat 9 Triq Guzeppi Lanzon Wied il-Ghajn* inxtrat in forza tal-kuntratt pubbliku fl-atti tan-Nutar Dottor Robert John Muscat datat **1 ta' Dicembru 2015** u dana kif jirrizulta mill-kopja tal-kuntratt a fol 95 et seq tal-atti. Illi l-partijiet izzewwgu fil-**25 ta' Lulju 2015** u dana kif indikat mic-certifikat taz-zwieg *a fol 7 tal-atti* ghaldaqstant, **antecedentement** ghall-iffirmar tal-kuntratt finali tal-akkwist tal-propjeta f' Wied il-Ghajn. **Illi mill-kuntratt imsemmi jidher li din il-propjeta giet akkwistata fl-intier taghha unikament mill-attur minn flejjes minnu rekavati minn bejgh ta' proprjeta' parafernali tieghu f'Ashford UK. Illi apparti l-elf euro (€1,000) li l-intimata ssostni illi hallset minn flusha ghal depositu fuq il-konvenju ta' dar matrimonjali, l-intimata tammetti pjenament illi l-flus kollha ghax-xiri ta' dar matrimonjali fuq il-kuntratt finali, inkluz l-ispejjes kollha notarili u tat-taxxa, gew imhallsa biss mill-attur.**

Illi dan gie ppruvat minghajr ombra ta' dubbji mhux biss mid-dokumentazzjoni bankarji ezebita in atti izda ukoll mix-xhieda ta' entrambi kontendenti.

Illi ghalhekk, l-attur sborsa (vide kuntratt tal-akkwist a fol 95 et seq) l-ammont kumplessiv ta' EUR 148,000 fl-akkwist tal-propjeta u mizjud ma' dana l-ammont, l-attur sborsa wkoll l-ispejjes kollha inkorsi max-xiri tal-proprjeta', liema spejjes huma indikati fid-*dokument a fol 102* tal-atti. Illi mill-imsemmi dokument jirrizulta illi l-attur kumplessivament sborsa s-somma ta' mija hamsa u hamsin elf, sebgha u tletin euro, u tnejnn u hamsin centezmu (€155.037.52).

Ma dan l-ammont, irid jinghad ukoll illi l-attur xtara il-mobbli kollha ta' dan il-fond billi avvanza is-somma ta' hamsa u erbghin elf euro (€45,000) lill-intimata li tafferma illi irceviet dan l-ammont, kif tafferma li xtrat l-ghamara kollha fid-dar matrimonjali. Illi ghaldaqstant, u skond dak fuq deciz ghal rigward tal-htija da parti taz-zewg kontendenti ghaz-zwieg taghhom, il-Qorti tqis illi z-zewg kontendenti ghandhom jitilfu dak kollu li gie gwadanjat bil-hila tal-konjugi l-iehor. Ghaldaqstant, id-dar matrimonjali ghandha tigi assenjata interament lill-attur bil-mobbli kollha li hemm fiha ghajr l-oggetti mobbli parafernali tal-intimata.

Din il-Qorti tosserva illi l-intimata fit-testimonjanza taghha kienet affermat illi hija kienet harget is-somma ta' EUR 1000 bhala depozitu, liema depozitu kienet ghaddiet lil bintha, l-

istess bint li effettivament dehret fuq il-konvenju ghan-nom tal-attur wara li inghata prokura mill-istess attur. Illi dan jirrizulta ampjament mid-dokumenti esebiti mill-attur, fejn bint l-intimata certu R inghata prokura specjali mill-attur *(vide kopja tad-dokument a fol 84),* u sussegwentement dehret kemm fuq skirttura privata data 20 ta' Lulju 2015, fejn kienet ghaddiet depozitu ta' EUR 1000 lil venditur, u fuq l-att tal-konvenju datat 7 ta' Awwissu 2015. Illi kif jirrizulta mid-dokument mhejji mill-attur *a fol 102* tal-attur huwa minnu li s-somma ta' EUR 1000 li inghata bhala *cash deposit* lil venditur kien imhallas mill-intimata. Illi ghalhekk l-intimata ghandha kreditu parafernali ta' EUR 1000.

L-attur jikkontendi illi hemm ammont konsiderevoli ta' flus li huwa kien avvanza lill-intimata sabiex tixtri l-ghamara tad-dar illi ma hemmx taghrif dwar x'sar minnhom u li huma *'unaccounted for'*.

Illi din il-Qorti tosserva illi bejn is-sena 2015 u 2017, saru diversi transfers bejn il-kontijiet rispettivi tal-partijiet, u anke transfers maghmula mill-intimata bejn il-kontijiet taghha stess. Illi din il-Qorti tosserva illi mill-kont bin-numru 049041163050 intestat lill-attur inter alia kien hemm dawn it-transazzjonijiet li jirrigwardaw l-intimata u cioe: kreditu effetwat nhar id-29 ta' Dicembru 2016 mill-kont tal-intimata fl-ammont ta' EUR 2800, cheque deposit fl-ammont ta' EUR 1000 mill-kont tal-intimata nhar is- 6 ta' Gunju 2016, u debit transfer nhar it-3 ta' Mejju 2017 fl-ammont ta' EUR 1700 permezz ta' internet banking lil kont tal-intimata.

Fit-testimonjanza tieghu l-attur spjega illi hu ghamel depozitu fl-ammont ta' tmienja u tletin elf, sebgha mija u hames euro, tmienja u disghin centezmu (UR 38,705.98) fil-kont bankarju tal-intimata, liema somma kienet intiza sabiex tigi akwistata ghamara u finishings ohra ghar-residenza f'Wied il-Ghajn. Illi dan huwa korraborat mill-istatements prodotti a fol 191 relattivi ghal-kont bin-numru 064-032790-001. Illi qabel tali depozitu, il-bilanc fil-kont tal-intimata kien ta' hdax il-euro u hamsa u sittin centezmu (EUR 11.65). Sahaq illi bejn it-3 ta' Settembru 2015 u it-3 ta' Dicembru 2015, ma saru l-ebda depoziti ohra fil-kont tal-intimata. Izid illi saru sitt (6) transfers bejn Ottubru u Novembru 2015 fl-ammont ta' tlett elef, sitt mija, tmienja u erbghin euro, sitta u ghoxrin centezmu (EUR 3,648.26) ghall-kont iehor intestat f'isem l-attrici, liema *transfers* l-attur jikkontendi li ma jikkombacux ma' pagamenti ghall-ghamara jew *fittings/finishes* ohra. Illi irrizultalu ukoll cheque fl-ammont ta' tlett elef euro (EUR 3000) mahrug peremzz ta cheque number 000078 lil terz mhux identifikat minnu. Illi l-attur jikkonteni illi dan kollu sar ad insaputa tieghu. Illi mid-dokument a fol 302 jidher illi effettiavment ic-cheque numru 000078 datat 17 ta' Ottubru 2015, kien mahrug mill-intimata

lil certu J, u cioe lil bintha. Jidher illi inhareg ukoll cheque iehor l-ammont ta' elf euro (EUR 1000) fit 30 ta' Gunju 2017, lil R a fol 314.

Fid-dokument a fol 68 l-attur ghalhekk jikkonkludi illi hemm amount komplessiv ta' sittax-il elf euro, mitejn sitta u ghoxrin euro, tnejn u erbghin centezmu (Eur 16,226.42) li gew trasferiti lill-intimata li huma "unaccounted for". L-attur isostni illi dawn il-flus huma mir-rikavat tal-bejgh tal-propjeta parafernali tieghu fir-Renju Unit.

Din il-Qorti taghraf illi l-attur ma pproduciex lil ulied l-intimata sabiex jaghtu t-testimonjanza taghhom dwar il-flejjes trasferiti lilhom. Di piu', la l-attur wisq lanqas il-konvenuta ma pproduciet il-kuntratturi, mastrudaxa, rappresenanti tal-hwienet, involuti fl-ghamara mixtrija u fil-finishings taghhom u mqieghda god-dar matrimonjali, ghall-konferma tal-quantum tal-ispejjes u xogholijiet minnhom mahdum jew mibjugh. Ghaldaqstant, din il-Qorti taghraf illi l-attur ma lahaqx il-livell probatorju rikjest fil-kamp civili biex jissostanza li dan l-ammont, effettivament kien *'unaccounted for'*.

Jirrizulta mill-*istatements* bankarji prodotti a fol 111 et seq, illi effettivament l-unici depositi li kienu jsiru fil-kontijiet tal-intimata huma l-entrati tal-pensjoni minnha percepita mid-Dipartiment tas-Sigurta Socjali f' Malta, u l-pensjoni mill-Awstralja, f'ammonti neglibbli. Jirrizulta illi l-partijiet huma it-tnejn pensonanti u ma ghandhomx dhul iehor ghajr il-pensjonijiet taghhom.

Illi kien hemm *cheque deposit* fl-ammont ta' EUR 15,775 26 ta' Mejju 2016 fil-kont tal-intimata. Illi **mid-dokument a fol 315 jidher li inhareg minn Nutar Dr. A. Abela fis-17 ta' Mejju 2016 u possibbilment huwa relatat mal-wirt ta' omm l-intimata kif issemma fit-testimonjanza tal-istess intimata**.

Jidher ukoll illi kien hemm xi ftit okkazzjoinijiet fejn l-attur kien iddepozita il-pensjoni tieghu fil-kont tal-intimata (vide fol 200) u rrizulta ukoll illi l-attur kien trasferixxa flus lill-intimata ghar-rigal tat-tieg ta' bintha f'ammont ta' elf u seba' mitt euro (€1,700) (Vide fol 203).

Din il-Qorti taghraf illi fit-testimonjanza taghha l-intimat stqarret illi mill-flus hija kienet irceviet mill-wirt ta' ommha, kienet nefqet somma konsiderevoli sabiex saru xi upgrades lid-dar matrimonjali, inkluz l-Air-conditioning u is-Solar panels li wahidhom swew tlett elef u

tmien mitt euro (€3,800). Dawn ma gewx kontradetti mill-attur. Illi minkejja li ma ngabux provi konkreti ghall-valur taghhom, din il-Qorti tillikwida *arbitrio boni viri* s-somma ta' €10,000 ghall-manutenzjoni fl-appartament tal-attur u cioe' Air-conditioning units u Solar panels, liema somma tinkludi l-elf euro (€1,000) li l-attrici hallset fuq il-konvenju tad-dar matrimonjali.

***Assi Ohra:***

Illi din il-Qorti tosserva illi minkejja li fit-testimonjanzi tal-partijiet issemmiet vettura, tosserva illi ma ngabu l-ebda provi ghar-rigward.

Illi din il-Qorti tordna illi fl-eventwalita' li parti jew ohra ghandha fil-pussess taghha oggetti parafernali li jappartjenu lill-parti l-ohra dawn ghandhom jigu restitwiti lill-parti l-ohra fi zmien xahar mid-data ta' din is-sentenza.

Illi din il-Qorti tosserva ukoll illi m'hemm l-ebda talba ghall-manteniment da entrambi l-partijiet u taghraf illi z-zewg partijiet jippercepixxu pensjoni kull wiehed u ghandhom jzommu il-pensjoni taghhom individwalment ghan-nom taghhom infushom.

**Ghal dawn il-motivi il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi:**

1. **Tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-kontendenti konjuġi u tawtorizza lill-partijiet jghixu separatament minn xulxin u tawtorizzahom jaghmlu l-atti kollha tal-hajja civili minghajr il-kunsens, intervent u/jew awtorizzazzjoni tal-parti l-ohra;**

2. **Tordna illi l-oggetti parafernali ta' kull wiehed mill-konjugi ghandhom jigu restitwiti lill-konjugi li lilha jappartjenu u l-Qorti tordna liz-zewg partijiet sabiex jikkonsenjaw lill-parti l-ohra kwalunkwe assi/oggetti parafernali li jinsabu fil-pussess taghhom lill-konjugi l-iehor u dana fi zmien xahar mid-data ta' din is-sentenza.**

3. **Tastjeni milli tiehu konjizzjoni tat-talba in vista tad-decide numru 5 u 6;**

4. **Tichad ir-raba' talba;**

5. **Tilqa' il-hames talba b'applikazzjoni tal-effetti kollha tal-Artikolu 40 u 51 sa 55 tal-Kodici Civili liz-zewg kontendenti;**

6. **Tilqa' is-sitt, is-seba' u t-tmien talba limitatament, tiddikjara xolta l-komunjoni tal-akkwisti ta' bejn il-partijiet u tillikwida u tiddividi l-komunjoni tal-akkwisti bis-segwenti mod**;

    i. **Tordna illi l-kontijiet bankarji intestati f'isem konjugi wiehed jew l-iehor ghandhom jigu assenjati lil dak il-konjugi li f'ismu jkun intestat.**

    ii. **Tordna illi fl-eventwalita' li parti jew ohra ghamlet jew dahlet ghal xi djun jew krediti ohra, anke jekk fiz-zwieg, dik il-parti li tkun dahlet f'dana l-obbligu jew dejn, ghandha taghmel tajjeb ghalih wahidha b'mod esklussiv.**

    iii. **Tordna illi l-propjeta cioe', penthouse** ***Violet, Flat 9 Triq Guzeppi Lanzon Wied il-Ghajn*** **ghandha tigi assenjata lill-attur inkluz il-mobbli kollha kontenuti f'dan il-fond ghajr ghall-oggetti parafernali tal-intimata;**

    iv. **Tiddikjara** ***arbitrio boni viri*** **is-somma ta' ghaxart elef euro (€10,000) bhala kreditu parafernali li l-intimata ghandha kontra l-attur u tikkundanna lill-attur ihallas lill-intimata dan l-ammont hekk likwidat.**

7. **Tilqa' id-disa' talba u tordna illi d-dar taz-zwieg tigi okkupata mill-attur ad eskluzojni tal-konvenuta;**

8. **Tawtorizza lill-attur jirregistra din is-sentenza fir-Registru Pubbliku;**

**L-eccezzjonijiet tal-intimata, it-talbiet kontenuti fil-kontro-talba u l-eccezzjonijiet ghall-kontro-talba qed jigu milqugha jew michuda kif fuq deciz.**

**L-ispejjez kollha ghandhom ikunu divizi ugwalment bejn il-partijiet.**

**Moqrija.**

**Mhallef Jacqueline Padovani Grima LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Lorraine Dalli**

**Deputat Registratur**

**Moqrija.**

**Mhallef Jacqueline Padovani Grima LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Christabelle Cassar/Lorraine Dalli**

**Deputat Registratur**